

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2005 li tiċħad bħala infondata l-kontestazzjoni tar-rikorrent dwar l-elezzjoni ta' Andreas Mölzer bħala deputat fil-Parlament Ewropew, ippreżentata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Assemblea b'vot universali dirett.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Hans Kronberger huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-proċeduri għal miżuri provviżorji.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tat-22 ta' Mejju 2008 —
NewSoft Technology vs UASI — Soft (Presto! BizCard Reader)**

(Kawża T-205/06)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali Presto! BizCard Reader — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti Presto — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikoli 8(1)(b) u 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”

Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet relattivi ta' invalidità — Eżistenza ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebh u — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 65-67)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Mejju 2006 (Każ R 601/2005-2) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Soft, SA u NewSoft Technology Corp.

Informazzjoni dwar il-kawża

Trade mark Komunitarja rreġistrata li kienet suġġetta għal talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade mark verbali Presto! BizCard Reader għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16 u 42 — Applikazzjoni Nru 2625457
Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:	NewSoft Technology Corp.
Parti li ppreżentat it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:	Soft, SA
Trade marks tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade marks figurattivi Spanjoli Presto għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 42
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:	Invalidità tat-trade mark Komunitarja
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) NewSoft Technology Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.